MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru 512/2014

Il-Pulizija

Spettur Victor Aquilina

vs

Dominic Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' 131780m akkuzat talli;

1. fid-19 ta' Mejju 2014, gewwa dawn il-Gzejjer u cioe gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta'Malta seraq cellulari tal-ghamla Samsung Galaxy S3 li jammonta ghal €600 ghad-detriment ta' Kathleen Elizabeth Jablonski ID 175605L, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna;

2. ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar id-19 ta' Novembru 2013 mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
3. ikkommetta reat waqt perjodu ta' probation moghti lilek mill-Magistrat Anthony Vella nhar l-20 ta' Novembru 2013;
4. b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-qrati tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat f'din l-ewwel dikjarazzjoni jirregistra ammissjoni fl-liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu , tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Minhabba li l-imputat irritorna r-refurtiva l-Qorti mhux ser tapplikalu prigunerija effetiva. Hi tal-fehma li piena gusta hi li tpoggi lill-imputat taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation.

Rat l-Artikolu 216(b), 279(b), 49, 50, 289 u 28 B tal Kap 9, u Artiklu 23 tal-Kap 446.

Tiddeciedi li tpoggieh taht ordni ta' probation taht l-Artiklu 7 tal-KAp 446 u testendi z-zmien tas-sentenza sospiza ta' din l-Qorti differentatment preseduta tad-19 ta' Novembru 2013 ghal sentejn ohra fuq il-perjodu originali ai termini tal-Artikolu 28 B (2)(b).

Il-Qorti fissret lill-imputat ir-reponsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------